**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Każ Nru: 343/2023

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**kontra**

**JEREMY JAMES FARRUGIA**

**Illum il-5 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Jeremy James Farrugia** ta' 38 sena, mwieled ġewwa l-Pieta' nhar il-11 ta' Novembru 1984 iben Emmanuel u Catherine nee Saydon, residenti ġewwa 41, Triq Fleur – De – Lys, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 558384(M), akkużat talli nhar it-2 ta' Jannar 2019, ġewwa Divizjoni 13, Ċella 28 fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola, Malta talli kien fil-pussess ta' mediċina psikotropika u ristretta (5F-ADB) tal-ammont ta' 7.74 grammi, mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati (bl-Avviz Legali 231 tal-2018).

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tapplika l-artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġil-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmi Jeremy James Farrugia sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fil-Kap. 9 fl-artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Rat li fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2023 l-qua imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li din il-Qorti spjegat bl-iktar mod solenni l-konsegwenzi tal-istess lill-imputat u anke wara li ngħata bizzejjed żmien sabiex jirrikunsidra l-istess u jerġgħa jikkonsulta mal-avukat tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjoni miġjuba kontrieh ġiet sodisfaċentament ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

In kwantu għall-piena din il-Qorti ser tqis in-natura tal-akkuza li tagħha l-imputat qed jinsab ħati inkluz l-ammont ta' droga nvoluta kif ukoll il-fatt li l-imputat kien fil-pussess ta' dan l-ammont ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u ċioe' post li huwa maħsub għar-rijabilitazzjoni ta' nies li qegħdin detenuti hemm ġew. Ghaldaqstant il-Qorti ser tkun qed tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti ħadet kont ukoll tal-fedina penali tal-imputat kif ukoll l-impenn li huwa qed juri sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga tant li huwa pjanat li huwa jidħol fi program kontra l-vizzju tad-droga. Finalment din il-Qorti qed tieħu ukoll kont tal-fatt li llum stess din il-Qorti ser tippronunzja sentenza oħra fil-konfront tal-imputat għar-reat simili kommess fi zmien differenti rigward liema u dan fid-dawl tal-insenjament tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs. Emanuel Infurna mgħotija nhar il-31 a' Lulju 2013.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985; l-artikoli 120, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta; fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputat **Jeremy James Farrugia** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u konsegwentament qed tikkundannah għal **sebgħa xhur priġunerija**.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Jeremy James Farrugia ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' Eur. 1,133.72 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien tlett snin millum.

Fl-ahhar net il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**